# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minuti tal-wieħed u għoxrin (21) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar, 2010 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Rose Roberts Kunsilliera
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

*Assenti:* Nadia Zammit Kunsillier

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Is-Sindku staqsa fuq il-Minuti jekk inqrawx mil-Kunsilliera. Kulħadd qal li qrahom.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti tal-laqgħa 20 ġew approva mis-Sindku Mario Salerno u issekondat Rose Roberts.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti imqajjma.

**4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**

4.1. Is-Sindku qal lill-Kunsilliera l-oħra li tajjeb jieħdu nota ta' MEMO90/09 fejn aħna bħala Ħal Kirkop nistgħu nibbenefikaw minn fondi speċjali. Rigward il-Playing Field is-Sindku qal li għandna fondi

allokati għalina mil-MEPA tal-UIF u ikunu tailor made għalihom. Għandna bżonn ukoll nagħmlu Risk Assessment u nippruvaw inżommu mat-targets tal-finanzi.

4.2. Rigward ir-respite Centre is-Sur Francis Borg tkellem mas-Sinjura Caruana sabiex nippjanaw l-iskema ta' finanzjament.

4.3. Is-Sindku tkellem ukoll fuq skema ta' Libreriji biex inkunu nistgħu nixtru l-kotba għal-librerija tagħna. Salerno kompla u qal li huwa talab għal rendikont tal-kotba li għandna mingħand is-Sinjura Mary Rose Mizzi, il-librara.

4.4. Is-Sindku qal li skema oħra importanti hija dik tal-life long learning u qal li bħala Ħal Kirkop għandna rikjesta ta' tagħlim fil-Malti, l-Ingliz u t-Taljan.

4.5. Is-Sur Salerno semmha wkoll skemi oħra bħal dik tat-taħwil ta' siġar li hemm allokati 4000 u Familja Hort, xi ħaġa ġdida fejn nies ikunu jistgħu jieħdu rresponsabilta li joħorġu u jduru b'nies residenti fi Sptar San Vinċenz.

Skema oħra hija dik li ngħinu lil dawk it-tfal li jfallu ħafna l-iskola. Minn Ħal Kirkop hawn madwar sitta.

Skema oħra li diġa kellna suċċess u li tajjeb nerġgħu napplikaw għalija hija dik tal-Green Challenge Award.

Is-Sindku qal li hemm skemi oħra li huma fuq finanzjament ta' siti storiċi u restawr ta' niċeċ; skema oħra sabiex inġibu artisti minn Rousset, Festival Ġemellaġġ; u skema sabiex inkunu nistgħu intellgħu konferenza għall-Kunsilli Lokali ta' Malta flimkien mas-Sindki ta' Provence ta' Franza.

4.6. Is-Sindku qal li dawn it-tlettax -il skema ser ikun qiegħed jaħdem fuqhom hu u nipprovaw inġibu xi ħaġa. Stephen staqsa hemmx xi skema fuq childcare centre biex jeħodha f'idu.

Is-Sindku qal li issa ser ikollu bżonn l-għajnuna ta' kulħadd biex naslu fuq kollox.

Is-Sur Carbone staqsa kemm –il skemi irnexxewlna u s-Sindku qallu li tal-lifts, photovoltaic, green challenge award, u tal-Public Private Partnership li marru huwa flimkien mas-Segretarju għall-prezentazzjoni fis-Swieqi.

Is-Sindku spjega kif ser ikun il-Public Private Partnership. Il-Kunsill ser joħroġ madwar €50,000 fis-sena għal sentejn. Il-kont minn għand il-kuntrattur jintbgħat lil-Ministru u l-ħlas jingħata lilna l-Kunsill biex imbghad jinghata lil Kuntrattur. Is-Sindku qal ukoll li għandna bil-miktub minn għand id-direttur Natalino Attard.

4.7. Is-Sindku tkellem ukoll fuq l-iskrivana Charmaine Caruana u qal li kellu kwistjoni u li ħarqitu għaliex kellna deadline ta' skema u hi qabzitila u ma qaltlux. Hu qal li din mhux l-ewwel darba li Charmaine qed tagħmel żball ta' dan it-tip u li ma nistgħux nibqgħu sejrin hekk. Hu enfasizza li Charmaine trid taħdem kif inhu mitlub mis-Segretarju u mil-Kunsilliera u qal ukoll li jekk hi tinsab imdejqa fuq ix-xogħol titlob transfer minajr ma tispiċċa mkeċċija.

**5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone**

5.1.1. Is-sur Carbone beda biex qal, li wara l-aħħar laqgħa, kienu sabuh xi nies, li qalulu li xtaqu li titwaħħal mera faċċata ta' Sqaq ir-Ramlija, fi Triq Danny Cremona. Dan il-għaliex, il-bidwi ta l-għalqa fuq il-lemin int u ħiereġ mis-sqaq imsemmi, għolla l-ħajt, u biex toħroġ saret perikoluża ħafna. Huwa qal li xtaq lil kunsill jagħmel talba, biex titwaħħal mera urġenti.

5.1.2. Il-vici sindku kompla biex qal, li hafna mis-sinjali tat-toroq huma mhassrin, jew jidhru ftit. Xtaq ikun jaf kif nistghu niffriskaw is-sinjali kemm jista jkun malajr, bla ma nwaqqfu x-xoghol li ghaddej fil-binja tal-kunsill il-gdid.

5.1.3. Is-sur Carbone kompla biex staqsa, meta sejrin inkomplu nirrangaw il-bankini, specjalment dik ta triq San Guzepp. Jekk tittiehed id-decizjoni li tigi rrangata, ghandna bzonn li jsir traffic management fiha, ghax hemm garaxxijiet, li ma jkunux jistghu johorgu l-vetturi minnhom, ghax ikun hemm vetturi ohra pparkjati faccata u t-triq hija dejqa.

5.1.4. Il-vici sindku staqsa meta sejjer jitkompla x-xoghol fuq il-latrina. Staqsa lil shabu, jekk jaqblux li  tkun lesta sa l-irkotta fest f'Mejju li gej. Ghalhekk ghandu jsir sforz, biex min se jkompli x-xoghol jaghmel dan mill-aktar fis.

5.1.5. Is-sur Carbone staqsa jekk jezistux xi fondi minn xi fond ghal agrikoltura, biex inkunu nistghu nasfaltaw sqaq ir-Ramlija, li huwa fi stat dizastruz. Huwa qal li qed jaghmel din il-mistoqsija, ghaliex ilu jigi avvicinat, minn nies li juzaw dan l-isqaq,  biex forsi jinghata wicc gdid.

5.1.6. Is-sur Carbone fakkar li l-bitha tal-kunsill il-gdid fadlilha li jitnehha xi terrapien zejjed li ghad fadal. Huwa qal li qed ihossu li qieghed jithalla wahdu fix-xoghol tal-kunsill. Ma jahsibx li bir-ritmu li qed isir ix-xoghol, se jitlesta sat-target date ta Dicembru li gej. Wahdu ma jaghmilx mirakli. Irridu barra li nkellmu l-haddiema biex jirsistu, irridu naraw li ma ntellfuhomx mix-xoghol, b'qadjiet bla sens.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**

5.2.1. Is-Sur Mizzi qal li importanti li naħdmu fuq Child care Centre. L-importanza fuq iċ-childcare għaliex fin-naħa tagħna m' għandna xejn għalhekk issuġġerixxa li nagħmluha PPP bhal tal-Kids start.

5.2.2. Is-Sur Mizzi tkellem rigward il-bankina l-ġdida fi Triq Valletta kantuniera ma Triq San Pietru hemm min qiegħed ifaħħar u min imaqdar. Hu qal ukoll li tajjeb li l-istage ma nħalluhx fuq il-bricks kif inhu preżentament. Hu qal tajjeb li ntuh tikhila biex ma jibqax jidher fl-istess stat. Hu issuġġerixxa wkoll li l-bankina tiġi estiża sa fejn il-bus shelter u bħalissa teknikament mhux tajba għaliex memx ir-rampi. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex jieħu ħsieb jibgħat il-kontijiet u s-Segretarju qallu li l-għada imur bihom hu stess appena nirċievu l-kont minn għand il-Koptasin.

5.2.3. Is-Sur Stephen qal li illum importanti li naraw it-tenders u naġġudikaw speċjalment tal-ġbir ta' skart, tal-kenniesa u tal-bulky minħabba li nirriskjaw li nispiċċaw minajr kuntrattur.

Is-Sindku staqsa lil Stephen fuq il-ground tal-football għax qed isir ħafna tgergir. Is-Sindku qallu wkoll li hemm possibilta li flok il-ground isir bini għall-immigranti irregolari. Il-Ministru għandu budget ta' 18-il miljun.

Is-Sur Mizzi qal li vera u hemm żewġ bombi in the pipeline. Jew radar kbir li jaf ikun health hazard jew inkella fejn jilgħabu tal-cricket earmarked biex jitla għall-klandestini. Stephen kompla u qal li qed jgħin lil tal-cricket biex għal inqas ikollom ownership għal 10 snin.

**5.3. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts**

5.3.1. Is-Sinjura Roberts qalet li xi ħadd minn ta' San Ġuzepp staqsiha rigward l-art tal-latrina. Għaliex qalulha li dik hija tagħhom. Rose riedet spjegazzjoni. Is-Sindku spjegala li dik kienet wirt lil kazin ta' San Gużepp pero il-Lands flokha tawhom maħżen ikbar fi Triq Danny Cremona fejn il-każin tal-Labour.

5.3.2. Is-Sinjura Roberts issuġġeriet li jitwaħħlu cats eyes fil-bankina l-ġdida sabiex tkun iktar tidher mis-sewwieqa.

**6. Approvazzjoni għall-ordnijiet ġodda**

6.1. Aġġudikazzjoni ta' Tenders u Kwotazzjonijiet - It-tenders tal-bulky, knis u ġbir ta' skart bieb bieb ser jiskadielhom il-kuntratt din il-ġimgħa.

Rigward it-tender dal-Bulky refuse ġew ikkalkulati f'każ li ikollna 1000 gabra f'sena u ġie maqbul li tas-Sur Raymond Attard hija l-irħas.

Ġew ikkalkulati hekk: Bezzina 3,440 u Raymond 2,300 ghal knis Bezzina 12,000 , u Ray 11,733 u l-gabra bieb bieb Bezzin a 16,650 u Ray 18,720.

L-offerti tas-Sur  Raymond Attard u tas-Sur Bezzin ġew short listed u bi  maqbul unanimu ġew magħżula l-offerti tas-Sur Raymond Attard.

Rigward it-tender tal-Public Conveniences gew short listed żewġ offerti dik tas-Sur Raymond Attard u dik tas-Sur Mario Borg u ġie miftiehem li niltaqgħu magħhom u niddeċiedu darb' oħra.

Rigward il-quote tal-Parks and Gardens ġie maqbul li tintażel l-offerta tas-CBC Landscaping.

Rigward il-quote tal-gypsum ġie maqbul unanimament li tingħażel il-quote ta' l-APEX.

Rigward il-kwotazzjoni tal-airconditioners is-Sur Carbone telghat mil-kamra minħabba li jinsab f'konflitt ta' interess. Wara li gew studjati l-kwotazzjonijiet intgħażlet il-kwotazzjoni tas-Sur Walter Camilleri.

Kellna kwotazzjoni oħra dik tal-provvediment tal-madum ta' l-art, bathrooms u set tal-bathrooms imma ħadd ma kkwota għalhekk tajjeb li mmorru infittxu aħna mil-ħwienet.

6.2. Rigward l-offerta għal garage fi Triq Valletta is-Sindku ippopona li nitfgħu offerta ta' €3,000.

6.3. Is-suġġett tal-Public Private Partnership ġie diskuss iktar kmieni.

6.4. Is-Sindku fakkar lil sħabu li bgħatilhom rapport fuq l-NGOs u tajjeb li kulħadd jarah u jagħtih l-ideat tiegħu u xi opinjonijiet.

6.5. Il-performance bonus tal-ħaddiema ġie maqbul li jingħata hekk: Ranier Busuttil 10%, Antonia Desira Demicoli 6% u Charmaine Caruana 4.5%.

**7. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-pagamenti għaddew kollha. Proponuti minn Mario Salerno s-Sekondat minn Joe Carbone.

**8. Affarijiet oħra**

8.1. Ma kienx hemm affarijiet oħra.

**9. Konklużjoni**

9.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

**Mario Salerno**
**Sindku**

**Ranier Busuttil**
**Segretarju Eżekuttiv**